A.L. 13 ta' l-1986

ORDINANZA DWAR IL-PROFESSJONI MEDIKA U L-PROFESSJONIJIET LI GĦANDHOM X'JAQSMU MAGĦHA

(KAP. 51)

Regolamenti ta' l-1986 dwar il-Mediċini (Reġistrazzjoni ta' 'Addicts')

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 35A ta' l-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li għandhom x'jaqsmu magħha, il-Ministru tas-Saħħa, bil-parir tal-Kunsill tas-Saħħa, għamel ir-regolamenti li ġejjin:—

1. Dawn ir-regolamenti jistgħu jissejħu r-Regolamenti ta' l-1986 dwar il-Mediċini (Reġistrazzjoni ta' *Addicts*). Titolu.

2. F'dawn ir-regolamenti kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx xort'oħra: Tifsir.

"mediċina" tfisser mediċina jew kemikali mniżżlin fit-Tielet Skeda li tinsab ma' l-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li għandhom x'jaqsmu magħha u kull mediċina li għaliha tirreferi l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikoluż; **Kap. 161**

"tabib" tfisser tabib, kirurgu dentist jew dentist;

"Suprintendent" tfisser is-Suprintendent tas-Saħħa Pubblika.

3. (1) Ikun id-dmir ta' kull tabib li jgħarraf lis-Suprintendent, fuq il-formula preskritta fl-Iskeda li tinsab ma' dawn ir-regolamenti, b'kull pazjent taħt il-kura tiegħu, li fil-fehma tiegħu jkun qed ibati minn xi xorta ta' *addiction* għal jew dipendenza fuq mediċina. **Avviż u reġistrazzjoni ta' *addicts*.**

(2) Ikun id-dmir tas-Suprintendent li jżomm reġistru, li jissejjaħ ir-Reġistru ta' *Addicts*, li fih jitniżżlu l-isem, u partikolaritajiet oħra msemmija fl-Iskeda, ta' kull pazjent kif jiġi mgħarraf taħt il-paragrafu (1) ta' dan ir-regolament.

(3) Ebda tabib ma jista' jippreskrivi xi mediċina lil xi pazjent bħal dak kemm-il darba ma jkunx l-ewwel għarraf lis-Suprintendent kif provdut fil-paragrafu (1) ta' dan ir-regolament.

SKEDA

(Regolament 3)

Formula ta' Avviż ta' 'Addicts' tal-Mediċina

Isem u kunjom ta' l-*addiet* .....

Indirizz .....

Età .....

Numru tal-Karta ta' l-Identità .....

Il-mediċini li għalihom il-pazjent huwa *addicted* .....

Kemm ilha l-*addiction* .....

Id-doża kurrenti .....

Firma tat-tabib .....

Isem (Ittri Kapitali) .....

Indirizz .....

.....

.....